VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,410, 22 ta' Mejju, 2020

Taqsima B

A.L. 214 tal-2020

ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING* (KAP. 373)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att kontra *Money Laundering*, il-Ministru għall-Finanzi, waqt li jaġixxi bil-parir tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (Emenda Nru 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 373.01

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

2. L-ewwel proviso għas-subregolament (5) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Iżda, meta n-nuqqas ta' aġir b'dan il-mod x'aktarx jagħti indikazzjoni lill-klijent dwar is-sottomissjoni ta' informazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 15(3) jew analiżi jew investigazzjoni potenzjali dwar *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu, dak il-kummerċ għandu jitkompla bil-kundizzjoni li jkun hemm żvelar b'mod immedjat lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja kif hemm fir-regolament 15(3):".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, minnufih wara l-kliem "l-kwalità ta' sorveljanza fuq dik l-istituzzjoni" għandhom jiżdiedu l-kliem ", inkluż jekk l-istituzzjoni rispondenti kienitx suġġetta għal xi investigazzjoni dwar *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu, jew xi azzjoni regolatorja"; u

(ii) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kelma

"jiddokumentaw" għandhom jidħlu l-kliem "jifhmu b'mod ċar u jiddokumentaw"; u

(b) fil-proviso għas-subregolament (6) tiegħu, minflok il-kliem "mad-detentur tal-polza." għandhom jidħlu l-kliem "mad-detentur tal-polza:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll, meta l-benefiċjarji tal-polza jew, meta jkun il-każ, is-sid benefiċjarju tal-benefiċjarju jkunu persuni politikament esposti u l-persuna suġġetta għandha indikazzjonijiet addizzjonali ta' riskju ogħla ta' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu, il-persuna suġġetta għandha tikkunsidra jekk għandhiex tissottometti informazzjoni lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, konformement mar-regolament 15(3).".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fil-proviso għall-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "terzi li qiegħdin f'ġurisdizzjoni mhux ta' fama", għandhom jiżdiedu l-kliem "jew f'xi ġurisdizzjoni oħra li hi kkunsidrata mill-persuna suġġetta bħala waħda li tippreżenta riskju għoli ta' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "hija jew tista' tkun konnessa ma' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu" għandhom jiżdiedu l-kliem ", jew li jkun sar attentat biex titwettaq operazzjoni jew attività li għandha x'taqsam ma' tali rikavat jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu"; u minflok il-kliem ", malli jkun raġonevolment prattiku, imma mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn meta saret taf jew ikun tnissel is-suspett għall-ewwel darba," għandha tidħol il-kelma "fil-pront"; u

(b) fis-subregolament (7) tiegħu, minnufih wara l-kliem "hija jew tista' tkun konnessa ma' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu," għandhom jiżdiedu l-kliem "jew li jkun sar attentat biex titwettaq operazzjoni jew attività li għandha x'taqsam ma' tali rikavat jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu,"; u minflok il-kliem ", malli jkun raġonevolment prattiku, imma mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn meta tkun saret taf bil-fatti jew tkun inkisbet l-informazzjoni," għandha tidħol il-kelma "fil-pront".

VERŻJONI ELETTRONIKA

6. Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Pieni amministrattivi taħt dawn ir-regolamenti għandhom jiġu imposti mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja mingħajr il-ħtieġa ta' seduta quddiem il-qorti, sew bħala piena fissa ta' darba jew bħala piena kumulattiva ta' kuljum, jew it-tnejn flimkien, u għandhom jiġu imposti skont il-*policies* u proċeduri stabbiliti mill-Bord ta' Gvernaturi msemmi fl-Att, li għandhom jiżguraw l-impożizzjoni ta' pieni amministrativi li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi."; u

(b) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(7) Meta ssir kontravvenzjoni skont is-subregolamenti (1), (2) u (4) minn persuna suġġetta li tkun korp jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista', b'żieda ma' kull piena amministrattiva imposta fuq il-persuna suġġetta, jimponi piena amministrattiva ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iktar minn mitejn u ħamsin elef euro (€250,000) fuq kull individwu li fiż-żmien tal-kontravvenzjoni:

(i) kellu l-kariga ta' direttur jew kellu funzjonijiet u responsabbiltajiet simili fi ħdan tali korp jew assoċjazzjoni ta' persuni jew li kien jidher li qed jaġixxi f'dik il-kapaċità;

(ii) kien uffiċjal ta' tali korp jew assoċjazzjoni ta' persuni b'funzjoni ta' uffiċjal għoli eżekuttiv fl-amministrazzjoni;

(iii) kien maħtur bħala uffiċjal inkarigat mir-rappurtaġġ skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 15(1)(a); jew

(iv) kien maħtur biex iwettaq dmirijiet stabbiliti taħt ir-regolament 5(5)(ċ),

u li permezz ta' att jew ommissjoni, kemm jekk intenzjonata jew minħabba f'negliġenza kbira, inkluż in-

nuqqas ta' sorveljanza xierqa fuq dawk ta' taħtu, ikkawża jew ikkontribwixxa għat-twettiq ta' tali kontravvenzjoni:

Iżda l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista', minflok jew flimkien mal-impożizzjoni tal-piena amministrattiva msemmija, jirrakkomanda lil kull awtorità sorveljanti rilevanti jew lil kull awtorità oħra jew korp responsabbli għall-awtorizzazzjoni, liċenzjar, reġistrazzjoni jew ir-regolamentazzjoni tal-persuna suġġetta involuta, li l-individwu hawn qabel imsemmi jiġi sospiż jew prekluż milli jeżerċita l-funzjonijiet hawn qabel imsemmija ma' dik il-persuna suġġetta jew ma' xi persuna suġġetta oħra, hekk kif jista' jitqies li jkun xieraq.".